

# Marga Klompé: Xjenzjata, politika u difensura tal-iżvantaġġati (1912–1986)



*Marga Klompé kienet xjenzjata u għalliema attiva fir-reżistenza Olandiża matul it-Tieni Gwerra Dinjija. Hi saret membru tal-Parlament Olandiż fl-1948 u kienet waħda min-negozjaturi tad-Dikjarazzjoni Universali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Fl-1952, Klompé saret l-ewwel membru mara tal-Assemblea Komuni tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, il-prekursur tal-Parlament Ewropew. Hemmhekk ikkontribwixxiet għax-xogħol li wassal għat-Trattati ta' Ruma. Fl-1956 hi saret l-ewwel ministru tal-gvern mara tan-Netherlands u waħda mill-kisbiet tagħha kienet l-ewwel liġi tal-pajjiż dwar il-protezzjoni soċjali universali.*

## Snin bikrin

Margaretha Albertina Maria “Marga” Klompé, twieldet fis-16 ta’ Awwissu 1912 f’Arnhem, in-Netherlands. Kienet it-tieni minn ħames ulied imwielda lil Johannes Klompé, li kellhom ħanut tal-istationery, u Ursula Verdang, immigranta Ġermaniża tal-ewwel ġenerazzjoni.

Meta missier Klompé marad u tilef in-negozju tiegħu fit-tletinijiet tas-seklu l-ieħor, il-familja sabet ruħha f’sitwazzjoni ta’ faqar. Din l-esperjenza diretta tal-faqar kellha effett profund fuq Klompé. Kompliet biex saret id-difensura tal-persuni marġinalizzati u żvantaġġjati.

Fl-1929, Klompé, bħala studenta intelliġenti, marret l-Università ta’ Utrecht, fejn kisbet grad ta’ Masters fl-1937. Għallmet il-kimika u l-fiżika fl-Iskola Għolja Mater Dei għall-bniet f’Nijmegen bejn l-1932 u l-1949 u fl-1941 ngħatat PhD fil-matematika u fil-fiżika. Is-sena ta’ wara bdiet tistudja l-mediċina iżda t-Tieni Gwerra Dinjija waqqfitha milli tlesti l-kors. Klompé ngħaqdet mar-reżistenza klandestina Olandiża, fejn saret mexxejja, waqt li bniet network kbir ta’ voluntiera nisa.

## Avvanz ġdid għan-nisa fil-politika

Wara tmiem il-gwerra, Klompé daħlet fil-politika, rwol mhux komuni għan-nisa f’dan iż-żmien. Bħala membru tal-Partit Popolari Kattoliku, ingħatat il-ġurament fil-kamra ta’ isfel tal-Parlament Olandiż, il-Kamra tar-Rappreżentanti, f’Awwissu 1948. Klompé kienet membru tad-delegazzjoni Olandiża għan-Nazzjonijiet Uniti fejn serviet fuq it-Tielet Kumitat tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, li ttratta l-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u dawk umanitarji, u kien involut fin-negozjar tad-Dikjarazzjoni Universali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Marga Klompé saret l-ewwel membru mara tal-Assemblea Komuni tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, il-prekursur tal-Parlament Ewropew tal-lum, li kellha l-ewwel sessjoni tagħha fl-1952. Qabel l-elezzjonijiet diretti tal-1979, il-membri kienu delegati tal-parlamenti nazzjonali tagħhom. Fl-1955, Klompé nħatret għal grupp ta’ ħidma stabbilit mill-Assemblea li ffoka fuq it-titjib tal-implimentazzjoni u l-estensjoni tas-setgħat tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u dwar il-ħolqien ta’ suq uniku li jestendi lil hinn mis-settur tal-faħam u l-azzar.

Fl-1956, Klompé telqet mill-Assemblea biex tingħaqad mal-gvern ta' koalizzjoni Olandiż ċentru-xellug, immexxi mill-Prim Ministru Willem Drees, bħala l-ewwel ministru mara tan-Netherlands. Bħala Ministru tax-Xogħol Soċjali, waħda mill-akbar kisbiet tagħha kienet l-Att dwar l-Għajnuna Ġenerali, li ħa post il-liġi dwar il-faqar preċedenti. Il-leġiżlazzjoni, li daħlet fis-seħħ fl-1965, għamlet il-protezzjoni soċjali dritt għal kulħadd. Hi fit-txet li ċċaqlaq l-enfasi lil hinn mill-karità u li ssaħħaħ l-għoti tal-protezzjoni soċjali mill-istat.

Il-legat tagħha jinkludi wkoll l-Abbozz tal-Liġi dwar id-Djar tal-Anzjani biex tiġi indirizzata x-xjuħija fis-soċjetà Olandiża u l-Abbozz tal-Liġi dwar il-Karavanijiet biex jingħata appoġġ lin-nies li għandhom stil ta' ħajja nomadika. Hi kienet Ministru tal-Kultura, Rikreazzjoni u Xogħol Soċjali bejn l-1966 u l-1971 fil-kabinett tal-Prim Ministru Piet de Jong. Fl-1971, Klompé ngħatat it-titlu ta' Ministru tal-Istat, unur mogħti fin-Netherlands lil politiċi anzjani ta' mertu kbir fi tmiem il-karriera tagħhom.

Wara li ħalliet il-politika, Klompé kompliet bil-kampanja għall-ġustizzja internazzjonali u r-responsabbiltà soċjali, inkluża kritika tar-reġim tal-apartheid fl-Afrika t'Isfel. Klompé kellha fidi Kattolika qawwija. Il-Papa Pawlu VI ħatarha presidenta tal-Kummissjoni Nazzjonali Olandiża għall-Ġustizzja u l-Paċi u kienet waħda mill-fundaturi tal-unjoni tal-gradwati nisa Kattoliċi u tas-servizz volontarju tan-nisa Kattoliċi.

Marga Klompé kienet rispettata u ammirat bħala mara b'fidi, umanità u konvinzjoni personali kbar. L-istima kbira li kienet miżmuma fiha hi riflessa permezz ta' ħafna toroq, skejjel u faċilitajiet tas-saħħa fin-Netherlands li għandhom isimha. Marga Klompé mietet f'The Hague fit-28 ta' Ottubru 1986.